midalja, statwa ta' San Ġużepp u ktieb, u hija, ferħan u sodisfatt li ma ngħidlekx, tani daqqa t'id biex inġorrhom id-dar. Nofs triq iltqajna mas-seftura, ġejja tiġri biex tiltaqa' magħna.

Xħin wasalna sibt lil ommi tistenna fil-bieb. "Veru, sinjura!" qaltilha s-seftura.

Haditni dritt quddiemu. "Ejja wrihomlu," qaltli. U jien mort bil-kuraġġ kollu għax issa kelli t-tweġiba.

Wasalna quddiemu, u fuq il-mejda ta' l-ikel jien u hija qegħedna l-istatwa, il-ktieb, il-midalja, id-diplomi.

"Dawn irbaħthom kollha?" staqsietni ommi.

"Iva," wieġeb hija, "u libbsuh faxxa ħamra."

Dar fuq hija. "U int x'irbaħt?" staqsieh.

Hija ma għarafx x'jibqa jwieġeb. Hu ma kien għamel ebda eżami, kien għadu żgħir għall-gara.

"Ma ħadt xejn! Kemm int ħmar…… ġejt b'idek f'idek…… Kemm għadek lura…… Meta se tiftaħ moħħok?… Tara," qalilha lil ommi, "x'tifel għandek?"

## AĦFRULNA

Dan il-għad, l-ewwel wieħed tas-sena 1977, ħareġ tard ħafna. Nitolbu lill-qarrejja jaħfrulna dan id-dewmien, li kien inevitabbli minħabba fir-riżenja ta' l-Editur, u l-ħtieġa li jinħatar editur ġdid.

Madankollu, dan id-dewmien nittamaw li jissewwa, billi issa feħsiebna noħorġu f'daqqa l-ewwel żewġ numri li jmiss, dawk ta' Ġunju u Settembru 1977.

Dawn iż-żewġ numri sejrin ikunu ta interess filoloġiku kbir, billi ser ikun fihom iż-żewġ studji lingwistiċi li l-Professur Ġużè Aquilina u Erin Serracino Inglott qraw fti ilu fl-Aula Magna ta' l-Upper Secondary School.

Il-ħarġa ta' Diċembru se tkun dedikata lil Ġużè Muscat Azzopardi bil-kitbiet li l-Prof. Mgr. Dun Karm Sant, Ġużè Cardona u Dun Ġwakkin Schembri, kienu qraw meta tfakkar Ġużè Muscat Azzopardi fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

# PRIŻMA

**Radjudramm ta' Victor Apap**
**(Jorbot ma' Diċembru 1976, paġna 110)**

ĠIB MUŻIKA FIX-XEJN

**Toni:** Sibt ruħi mdaħħal f'basla bla ma naf kif. Ippruvajt noħloq ħafna skużi jien u nkellem lil Kleo, imma aktar bdejt ninsaram, sakemm spiċċajt biex waqt li konna fil-karrozza għidtilha s-sewwa kollu. Intilfet minn sensiha ma' l-aħbar u aktar sibt ruħi mfixkel. Minn balu kelli mmur funeral jumejn wara. Għaddew ftit ġranet u ltqajt ma' Kleo għaddejja bil-mixi minn triq imwarrba ta' Napli.

**Kleo:** Sur Bajada, lanqas irringrazzjajtek ta' kemm għamilt miegħi dik il-lejla tad-diżgrazzja.

**Toni:** Kienet biċċa xogħol iebsa wisq dik li għabbewni biha.

**Kleo:** Naf. U kellek tkun int, frustier, li tidħol għaliha.

**Toni:** Ma nistax infissirlek x'ħassejt f'qalbi meta rajtek mitluqa fil-karrozza.

**Kleo:** Kienet diżgrazzja kbira wisq għalija. Jien naf xi tlift.

**Toni:** Issa trid tipprova tinsa.

**Kleo:** Kif nista'? Minn kull fejn ngħaddi ma narax ħlief uċuħ koroħ iħarsu lejja. Bħalma tara qiegħda nitwarrab mill-qalba tal-belt. Il-bieraħ żewġt irġiel bdew mexjin warajja u kieku taf kemm kliem iebes qalu kontra tiegħi.

**Toni:** Trid tagħmel ta' birruħek ma smajthomx.

**Kleo:** Hekk għamilt. Imma qalbi ħasset xorta waħda.

**Toni:** Għalissa pprova skarta n-nies li ma tafhomx.

**Kleo:** M'għandix għalfejn nibqa' ngħix aktar hawnhekk. M'hawn xejn x'jiġbidni f'din il-belt. Qiegħda naħseb biex immur lura fejn l-Eġittu.

**Toni:** Wassaltha biċċa triq sewwa u sellimtilha. Għafsitli idi bil-qalb.

**Kleo:** Ma ninsiek qatt, sur Bajada.

**Toni:** Telqet bil-pass tagħha ħafif u ma rajtha qatt aktar. Deherli li kelli mmur nirringrazzja lill-kontessa Walewska li kienet laqgħetni bħala mistieden f'darha. Mort sibt lix-xiħa s-saħħara biex xtrajt mingħandha ftit ward sabiħ u tlaqt għal għand il-kontessa. Sibtha mifqugħa bil-biki. Għandu jkun kien destin tiegħi li dawk il-ġranet inħabbat wiċċi ma' nisa mbikkija.

**Marie:** **(imbikkija)** Għaddi, għaddi.